MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1062/2008

**Dove Trading Company Limited**
**[C-15596]**

**v.**

**Sergio Borg**
**[K.I. Nru. 162072(M)]**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatypprezentat mis-socjeta’ attrici fit-22 ta’ Ottubru, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi huwa direttur tas-socjeta` attrici rikorrenti.

Illi is-socjeta` attrici rikorrenti, fuq talba tal-konvenut intimat, silfet lill-istess, *brevi manu*, s-somma ta’ erbatatx-il elf tnejn u disghin Euro u wiehed u sebghin Euro

centezmu [€14,092.71], liema self kellu jkun ripagabbli fuq talba semplici tas-socjeta` attrici rikorrenti.

Illi l-istess self sar ukoll minghajr garanzija u bil-patt u l-kundizzjoni ‘lli ma jiddekorrux interessi sad-data ta’ l-interpellazzjoni ghall-hlas mis-socjeta` attrici rikorrenti.

Illi l-konvenut intimat, filfatt, kemm-il darba accetta ‘lli huwa debitur tas-socjeta` attrici rikorrenti fis-somma ta’ erbatatx-il elf tnejn u disghin Euro u wiehed u sebghin Euro centezmu [€14,092.71]. Dan huwa kkonfermat ukoll f’ittra, minghajr data, indirizzata lill-*accountant* tas-socjeta` attrici rikorrenti, John F. Muscat F.C.C.A., F.I.A., C.P.A. [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ‘A’].

Illi minkejja diversi interpellanzi ghall-hlas ta’ l-istess, il-konvenut intimat baqa’ inadempjenti; ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-esponenti jaf personalment d’dawn il-fatti kollha.

Talbet ghalhekk  li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici rikorrenti s-somma ta’ erbatatx-il elf tnejn u disghin Euro u wiehed u sebghin Euro centezmu [€14,092.71] dovuta lill-istess socjeta` attrici rikorrenti kif hawn aktar ‘l fuq spjegat, u dan flimkien ma’ l-imghax dovut skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 16 ta’ Gunju, 2008, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b’hekk baqa kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil John Camilleri ghas-socjeta' attrici fis-seduta tad-29 ta' April, 2009 jikkonferma bil-gurament illi s-socjeta' attrici sa dakinhar baqghet ma thallset xejn minghand il-konvenut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici kif dedotta fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbatax-il elf tnejn u disghin Euro u wiehed u sebghin Euro centezmu [€14,092.71] dovuta kif inghad.

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------